

Brussell, 29 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14608/19

FISC 458  
ECOFIN 1079  
ENER 525  
CLIMA 316  
MI 823  
ENV 963  
TRANS 557

#### NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14046/19
Nru dok. Cion:	12153/19 FISC 362 ECOFIN 792 ENER 433 CLIMA 236 MI 642 ENV 768 TRANS 437 12154/19 FISC 363 ECOFIN 793 ENER 434 CLIMA 237 MI 643 ENV 769 TRANS 438
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE – Adozzjoni

---

1. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2019, stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu progress fil-ħidma fuq il-kondizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandhom jiġu attwati sabiex tiġi żgurata transizzjoni għal UE newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat id-dokument ta' ħidma tal-Persunal tagħha "Evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-qafas tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku"<sup>12</sup> fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) fit-3 ta' Ottubru 2019.

---

<sup>1</sup> Dok. 12153/19.

<sup>2</sup> Dok. 12154/19.

3. It-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota ġie kkunsidrat fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-27 ta' Novembru 2019. Id-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill.
  
  4. Il-Kunsill (ECOFIN) tal-5 ta' Diċembru 2019 huwa mistieden jadotta t-test tal-konklużjonijiet.
-

**Abbozz ta'**  
**Konklużjonijiet tal-Kunsill**  
**dwar il-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) IFAKKAR fl-istedina mill-Kunsill Ewropew<sup>3</sup> ta' Ġunju 2019 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kundizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandu jiddaħħal fis-seħħ sabiex tiġi żgurata transizzjoni lejn UE newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tiġi preżervata l-kompetittività Ewropea, b'mod ġust u soċjalment ibbalanċjat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri;
- (2) JIRRIKONOXXI li t-transizzjoni lejn ekonomiji u soċjetajiet kompetittivi newtrali għall-klima fl-Ewropa hija importanti biex tixpruna t-tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni, issaħħaħ il-kompetittività, iżżid is-sigurtà tal-enerġija u toħloq l-impjiegi; JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li jingħataw sinjali ċari u kredibbli għan-negozji, l-investituri u l-konsumaturi biex jipprovdu ċertezza fit-tul u qafas regulatorju stabbli;
- (3) JIKKUNSIDRA li t-tassazzjoni tal-enerġija bħala strument fiskali tista' tkun parti importanti mill-inċentivi ekonomiċi li jmexxu transizzjoni tal-enerġija b'suċċess, li jwasslu għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u għal investimenti fl-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli;
- (4) JILQA' d-diskussjonijiet reċenti dwar din il-kwistjoni fl-ECOFIN informali ta' Settembru 2019, kif ukoll il-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE;

---

<sup>3</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/39922/20-21-euco-final-conclusions-en.pdf>

- (5) JENFASIZZA r-rwol importanti tal-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni tal-enerġija permezz tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija fl-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-suq intern; JIRRIKONOXXI li d-direttiva attwali ma tirriflettix il-koerenza ma' objettivi oħra tal-politiki tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, l-iżvilupp tal-qafas legali tal-UE u l-impenji internazzjonali tagħha, it-tibdil fit-taħlita tal-enerġija u l-iżvilupp teknoloġiku;
- (6) JAPPOĠĠA aġġornament tal-qafas legali għat-tassazzjoni tal-enerġija li jikkontribwixxi għal objettivi usa' tal-politika ekonomika u ambjentali tal-UE; JENFASIZZA li l-qafas għandu b'mod partikolari:
- itejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-UE,
  - jappoġġa t-transizzjoni lejn UE newtrali għall-klima,
  - jikkontribwixxi għall-kompetittività fit-tul tal-UE u l-ħtiġijiet fiskali tal-Istati Membri tagħha;
- (7) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tanalizza u tevalwa l-għażliet possibbli bil-ħsieb li fi żmien debitu tippubblika proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija li tirrifletti l-ħtiġijiet attwali tal-UE u tal-Istati Membri; JAPPELLA lill-Kummissjoni tqis b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, ir-rati minimi u t-tnaqqis u l-eżenzjonijiet tat-taxxa speċifiċi;

- (8) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taġġorna d-dispożizzjonijiet fil-proposta futura, kif xieraq, sabiex tiżgura li jkunu prattikabbli u ttiprovdi aktar ċertezza u ċarezza fl-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li tikkunsidra b'mod partikolari:
- it-trattament ta' bijofjuwils u fjuwils alternattivi oħra,
  - l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment għal ċerti prodotti, bħat-trattament ta' lubrikanti u karburanti ta' disinjaturi,
  - il-prodotti u teknoloġiji ġodda tal-enerġija,
  - is-setturi rilevanti, bħall-avjazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifità tagħhom u l-eżenzjonijiet eżistenti u d-dimensjoni internazzjonali,
  - l-impatti fuq id-dħul tal-gvern,
  - il-proċessi u r-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat;
- (9) JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tiżgura koerenza ma' objettivi oħra tal-politika tal-UE u l-istrumenti u l-leġislazzjoni rilevanti; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' flessibilità fl-Istati Membri biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika tagħhom biex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom;
- (10) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti tagħha jiġu vvalutati bis-siġħ f'termini tal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kompetittività, il-konnettività, l-impjieġ u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'mod partikolari għas-setturi l-aktar esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jikkooperaw fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u data tat-tassazzjoni tal-enerġija mal-Kummissjoni sabiex jiġu żgurati valutazzjonijiet ta' kwalità għolja;
- (11) IFAKKAR fl-importanza li kwalunkwe ħidma futura għandha tkompli tirrispetta l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà, u r-rispett siġħ għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri;
- (12) JISSOTTOLINJA li għandha tiġi kkunsidrata d-dimensjoni soċjali filwaqt li jiġu implimentati l-politiki u l-inizjattivi li ser jappoġġaw it-transizzjoni tal-enerġija nadifa biex tinkiseb in-newtralità tal-klima.